


# MARBELT Department Stores ... l-istorja

Josef Azzopardi - Viċi Sindku

Wieħed u sittin sena ilu, proprju fl-1956, id-ditta Attard Bros rat l-oriġini tagħha meta fetħet il-Power Station tal-Marsa u Malta qalbet minn voltaġġ ta' 110 għal 240. B'hekk saret bidla fis-sistema tal-elettriku ta' Malta kollha u Għawdex kollu. Fil-familja Attard mill-Marsa nsibu tliet elektrixins kwalifikati: Joseph, Charles u Joe li kien saħansitra inġinier fuq l-elettriku. Din l-informazzjoni għaddihieli s-Sur Frans A. Attard meta bgħattlu sett ta' mistoqsijiet.

Il-membri tal-familja Attard, f'Ġunju tal-1959, fetħu ħanut tal-elettriku fil-Ħamrun u saru importaturi kbar tal-prodotti tal-elettriku u apparat domestiku. Seba' snin wara, fl-1966, l-aħwa Attard ħassew li kellhom bżonn ta' post akbar u għalhekk sentejn wara xtraw biċċa art f'Tal-Qwabar fil-Marsa.

Kien hemm sfida ewlenija biex tittella' l-binja għax mill-post fejn ġie mibni dan l-istabbiliment kien jgħaddi l-ilma, anzi ilma salmastru li dejjem ġej. Għalhekk huma qabbdu lill-Perit Fredrick C. Doublet li kien espert fil-bini tal-konkos. Ġara li fl-istess żmien bdiet tinbena Triq Diċembru Tlettax u allura kellhom jistennew sat-28 ta' Settembru 1976 biex seta' jibda x-xogħol.

"L-istruttura tal-bini hija soda ħafna u l-kolonni huma mibnija fuq il-blat. Anzi, tħaffer il-blat biex jistrieħu sew. Il-problema kienet biex twasslu sal-blat billi għamlu bħal ħofra kbira mdawra b'*shutters* sakemm setgħu jibnu kolonna, kolonna. Meta nbena l-Marbelt tħalliet bitħa bejn il-binja u l-aħħar bini fi Triq is-Salib (illum Triq Patri Feliċjan Bilocca). Fil-fatt ħuti kienu taw biċċa art lill-Każin tal-Banda Trinità Qaddisa." Il-Marbelt fetaħ uffiċjalment fil-25 ta' Ottubru 1980.

Mistoqsija li staqsejt lis-Sur Attard kienet dwar kif oriġina l-isem tal-istabbiliment. "Meta ġejna biex insibu isem, ridna isem oriġinali. Tlabna ħafna ideat u ntgħażel MARBELT, li jfisser Marsa u Belt."

Meta kont żgħir spiss kont immur nixtri xi *stickers*, ġugarelli u affarijiet oħra mill-Marbelt. Però ż-żmien inessi u allura tlabt

*ikompli f'paġna 131*




lis-Sur Attard jgħidli dwar xi prodotti kienu jinbiegħu fil-Marbelt. Żgur li min għadu żgħir fl-età ma jiftakarx dan l-istabbiliment. "Trid volum sħiħ biex titkellem dwar l-affarijiet kollha li kienu jinbiegħu fil-Marbelt. Però, fi ftit kliem, il-Marbelt kellu għoxrin dipartiment, għal kull ħaġa li ssib id-dar: apparat tal-elettriku, oġġetti tal-kċina, *shades*, fjuri artifiċjali, għamara, twapet, għodda, kmamar tal-banju u l-lista hija infinita. Kien uniku għal Malta għax kont issib kollox taħt saqaf wieħed. Għalkemm kienu jiġu jixtru nies minn Malta kollha, però għan-nies tan-nofsinhar ta' Malta kien komdu għax jieqfu l-Marsa u jinqdew sew. Konna nirreklamaw fuq il-gazzetti kollha, magażins, radju u saħansitra anki fuq it-televixin li dak iż-żmien kien għadu dieħel bil-mod f'Malta u mhux kulħadd kellu sett. Ix-xogħol kien jiġi espost ukoll fil-Malta Trade Fair u fieri oħra lokali."

Nies mill-Marsa, fost l-oħrajn, sabu xogħol ukoll fil-Marbelt li kellu bejn tletin u erbgħin ħaddiem b'kollox. Staqsejt ukoll dwar x'kien ifisser għall-Marsa dan l-istabbiliment. "Aħna naħsbu li l-Marbelt għamel unur kbir lill-Marsa u kif għedt kienu jiġu klijenti minn Malta kollha. Il-Marbelt kien l-uniku ħanut li ġie mibni speċifikament bħala Department Stores" Illum il-Marbelt huwa biss memorja u parti mill-istorja tal-lokal tagħna.